HAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 31 IT-TLIETA 3 TA' ĠUNJU 2014**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Jason Busuttil, Charles Farrugia, Antoine Saliba Haig, Jerome Caruana Cilia, Margaret Mercieca u Sean Meli.

Is-S.E. informa li l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina, l-Kunsilliera Robert Reno Cremona u Antoine Saliba Haigkienu infurmawh bil-miktub li ma kienux ser jattendu ghal din il-laqgha minhabba impenji ta' :
Jesmond Aquilina - safar sabiex attenda għall-Konferenza f'isem l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
Robert Reno Cremona - xogħol.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-ragunijiet bħala validi u għalhekk il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilna u l-Kunsillier Cremona ġew meqjusa bħala skużati għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

Is-Sindku Rosianne Cutajar tat merħba lill-Ambaxxattur taż-żgħazagħ ġdid, is-Sur Dylan Falzon.

**31/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 30**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 30 li nżammet nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju 2014, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disgħa** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 30 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**31/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**31/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett jinsab fil-parti finali tiegħu fejn qed jingħalaq il-proġett f'dawk li huma kontijiet u dokumentazzjoni. Intant, hija se tkun qed tressaq mozzjoni fis-seduta li jmiss biex il-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni tal-pjazza quddiem is-santwarju tal-Madonna tal-Ħlas fejn sar il-proġett u biex isiru bye-laws ħalli jirregolaw l-uzu tal-istess pjazza kif ukoll l-uzu tal-*picnic area*.

**31/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li s-Segretarju Ezekuttiv attenda għall-progress meeting mal-Ministeru u l-kuntrattur li qed jieħdu ħsieb il-proġett ta' kontra l-għargħar, fejn is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tagħhom dwar diversi punti u ilmenti li l-Kunsill innota jew li rċieva mingħand ir-residenti. **DOK 'A'**

**31/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** sostniet li l-attivita' f'Jum Ħal Qormi ġo Dar tal-Kunsill Lokali, intlaqgħet tajjeb ħafna u l-Kunsill għandu jikkunsidra li din tibda ssir proprju fil-bini tal-Kunsill fil-futur. Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet tgħid li l-prezenza tal-Eccellenza tagħha il-President ta' Malta għal din iċ-ċerimonja kienet ta' unur għal-lokalita' tagħna. **Il-Kunsillier Ralph Puli** xtaq jifraħ lill-Kunsill ta'din l-attivita' u sostna li jaqbel li din iċ-ċerimonja ssir fid-Dar tal-Kunsill għaliex il-Kunsill ikun qed jiffranka ħafna spejjez.

**31/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi rebaħ il-Premju tal-aktar Kunsill bl-akbar numru ta' parteċipanti f'korsijiet organizzati mat-TCTC.

**31/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ġiet infurmata li l-Kunsill se jiġi assenjat ħaddiem tal-IPSL wara li se jkun qed jirtira wieħed mill-ħaddiema li għandu assenjat miegħu l-Kunsill.

**31/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi ġie approvat is-somma ta' Eur1,200 għal kull Librerija taħt l-iskema mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**31/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fil-ġranet li ġejjin għandha laqgħa mal-President ta' Malta dwar il-proposta li jsir *night shelter* fuq iċ-Ċentru tas-Saħħa.

**31/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 4 ta' Gunju, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali se jkun qed jagħmel zjara ta' kortesija u għaldaqstant ħeġġet lill-kunsilliera sabiex jattendu.

**31/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibed l-attenzjoni dwar kummenti li saru fuq *facebook* minn uħud mill-kunsilliera fejn irrimarkaw li ma kienux jafu dwar sinjali sofor li saru. I**s-Sindku Rosianne Cutajar** sostniet li dawn il-kummenti ma kienux ġusti għaliex taw x'jifhmu li dawn is-sinjali u kull sinjal ieħor saru minn wara dahar il-kunsilliera meta fil-verita' l-*policy* hija li kull talba li jkollu l-Kunsill tmur quddiem *Transport Malta* u f'kaz li jkun hemm l-approvazzjoni din issir.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni li sinjali tat-traffiku għandhom jitressqu lill-kunsilliera qabel isiru ħalli kulħadd ikun jista' jagħti l-veduti tiegħu. **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** sostniet li huwa diffiċli li l-Kunsill jiddiskuti kull sinjal tat-traffiku u għaldaqstant taqbel mal-*policy* ezistenti li sakemm ikun hemm l-approvazzjoni ta' *Transport Malta* il-Kunsill għandu xorta jipproċedi bix-xogħol, u fejn ikun hemm problema biss din titressaq quddiem il-Kunsill. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** qablet mal-Kunsillier Mercieca.

**Il-Kunsillier Sean Meli** sostna li l-problema mhumiex is-sinjali *per se* izda in-nuqqas ta' infurzar għaliex it-talba għas-sinjali zdiedet peress li jezisti nuqqas ta' infurzar tat-traffiku. **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** qal li jemmen li l-infurzar min-naħa tal-Pulizija għandu jissaħħaħ. Dan huwa punt kruċjali u li permezz tiegħu tkun qed tissaħħaħ l-ħidma fil-lokal. **Il-Kunsillier Caruana Cilia** enfasizza l-importanza li jkun hemm aktar kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-Pulizija.

**31/02/10** **Il-Kunsillier Sean Meli** ġibed l-attenzjoni dwar taħdidiet li se jsiru dwar in-nutrizzjoni. Il-Kunsillier Sean Meli semma wkoll li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi se jkun qed jieħu sehem fi proġett pilota mniedi mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Anzjani u Persuni b'Dizabilita fejn se jingħata servizz ta' social worker.

**31/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MEJJU 2014**

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2014, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Mejju 2014
**b)** *Bank Payments* Mejju 2014.
**c)** *Petty Cash* Mejju 2014.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda.

**Ivvutaw Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

**31/04 MOZZJONIJIET**

**31/04/01 MOZZJONI – 105-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet **lill-Kunsillier Charles Farrugia** jressaq l-mozzjoni nru 105-2014:

*"Wara li l-Kunsill Lokali ircieva petizzjoni mir-residenti ta' Triq San Frangisk u l-akkwati dwar l-periklu li hemm fl-istess triq kantuniera ma' Triq il-Mithna;*

*Wara li la l-Kunsill u lanqas Transport Malta ma kienet favur li din it-Triq issir one-way minhabba li hija triq important fid-dhul u hrug tat-traffiku mic-centru ta' Hal Qormi;*

*Peress li l-Kunsill jaghti prijorita lis-sahha u s-sigurta tar-residenti partikolarment lill-anzjani;*

*Peress li minn dejjem u partikolarment ricentament zdiedu l-accidenti tat-traffiku f'din iz-zona;*

*Nipproponi biex issir pedestrian crossing kif ukoll isiru traffic lights biex it-traffiku li jkun dieħel u ħiereġ mit-triq imsemmija jkun ikkontrollat u ma jitnaqqsu r-riskji ta' aċċidenti."*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 105-2014(VI). Għaldaqstant il-Kunsill għandu jipprepara l-pjanti u jgħaddihom lil Transport Malta għall-approvazzjoni.

**31/04/02 MOZZJONI – 106-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Kunsillier Bjorn Azzopardi jressaq din il-mozzjoni:**

*"Wara li rċivejt diversi ilmenti u li ttellgħu diversi ritratti fuq siti soċjali bħall-Facebook dwar is-sitwazzjoni tat-traffiku fi Triq il-Belt Valletta il-parti ta' wara l-kappella tal-Blat, nipproponi li dan il-Kunsill jikkunsidra li l-parti ta' Triq il-Belt Valletta minn Triq Lapsi sal-kappella tal-Blat ssir one way, ħruġ biss lejn Triq il-Mitħna. Dan għaliex il-parti ta' Triq il-Belt Valletta (fuq wara tal-Kappella) tidjieq u ma tħallix aċċess ta' żewġ vetturi. Għal din ir-raġuni, qed jinħolqu traffic jams u anke' argumenti bejn sewwieqa speċjalment fir-rush hour ta' filgħodu.*
*B'din il-proposta, it-traffiku jista jerġa jmur lejn il-wied billi jgħaddi minn Sqaq l-Għadira jew inkella minn Triq il-Mitħna.*

*Nipproponi sabiex dan il-Kunsill jikkonsulta mar-residenti, tittieħed l-opinjoni ta' Transport Malta u jekk tiġi approvata tidħol fis-sehh wara li jitlesta x-xogħol fuq il-proġett tal-għargħar sabiex nevitaw aktar problemi ta' traffic management."*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (08) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 106-2014 (VI). Għaldaqstant il-Kunsill għandu jikkonsulta ma' Transport Malta u mar-residenti dwar din il-proposta.**

**31/05 RAPPORTI**

**31/05/01 RAPPORT: BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI : EMBELLISHMENT WORKS OF GARDEN IN TRIQ ALEXANDRA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv biex iressaq ir-rapport tal-Bord tal-Għazla, (**DOK 'C'**) li jikkonsisti f'dan:

*"Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Mejju 2014, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 14*

*ta' Mejju 2014, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgha, 23 ta' Mejju 2014 f'nofsinhar.*

*Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-23 ta' Mejju 2014, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar u l-Kunsillier Ralph Puli, fil-prezenza wkoll ta'membru tal-pubbliku. Dan il-ftuh kien streamed online live fuq il-websajt tal-Kunsill*

*Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva zewg offerti (2) wahda biss*

| | | |
|---|---|---|
| *1.* | *Redmap Projects Ltd.* | *€ 128,050.66* |
| *2.* | *RMS Ltd* | *€128,353.01*<br>*€155,028.59*<br>*€150,710.50* |

*Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, l-Perit William Lewis u l-Kunsilliera Ralph Puli u Charles Farrugia flimkien mas-Segretarju, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.*

*Il-Perit William Lewis ipprezenta r-rapport tekniku (anness) dwar dawn l-offerti. Il-Perit spjega li fl-offerta kien hemm items li tpoggew provisional biex il-Kunsill ikollu stimi ta' xogħlijiet relatati ma' qlugħ u pjantar ta' siġar kif ukoll dwar sistema tas-CCTV. Il-Bord iddeċieda li ssir evalwazzjoni tal-offerti wara li jitneħħew l-items li huma provisional peress li dawn l-items mhux se jkunu parti mill-kuntratt, ladarba ix-xogħol tal-qlugħ u ppjantar tas-siġar se jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill peress li l-istima hija ferm orħos minn dawk ikkwotati f'din l-offerta, kif ukoll is-CCTV mhux se ssir għaliex mhijiex parti mill-BOQ approvata mill-MEPA fil-kuntratt tal-fondi tal-UIF għal dan il-proġett.*

*Fid-dawl ta' dan, iz-zewġ offerti jiġu jammontaw għal dawn il-valuri:*

| | | |
|---|---|---|
| *1.* | *Redmap Projects Ltd.* | *€ 106,905.38* |
| *2.* | *RMS Ltd* | *€119,105.05*<br>*€140,875.43*<br>*€136,557.34* |

*Il-Bord innota li l-orħos offerta xorta baqgħet dik ta' Redmap Projects Ltd, din id-darba b'differenza ta' Eur12,199.67. Il-Bord innota wkoll li dan il-valur huwa within budget. Il-Bord innota wkoll li skont ir-rapport tal-Perit, l-orħos offerta għandha id-dokumenti kollha mitluba fejn issottometta għazla vasta ta' mudelli ta' street furniture minn liema l-Kunsill jista' jagħzel bl-istess prezz ikkwotat. Għaldaqstant, peress li l-orħos offerta dik pprezentata minn Redmap Projects Ltd, hija*

*administrative u technical compliant, il-Bord jirrakkomanda li tintagħzel din l-offerta għall-kuntratt ta' xogħljiet ta' tisbiħ tal-ġnien fi Triq Alexandra."*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex "*il-Kunsill Lokali jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord, Ghaldaqstant peress li l-valur huwa within budget, u peress li skont ir-rapport tal-Perit u tal-Bord, l-orħos offerta għandha id-dokumenti kollha mitluba fejn issottometta għazla vasta ta' mudelli ta' street furniture minn liema l-Kunsill jista' jagħzel bl-istess prezz ikkwotat, il-Kunsill qabel li jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aggudikazzjoni biex tintghazel l-orhos offerta pprezentata minn Redmap Projects Ltd, li hija administrative u technical compliant.* "

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** ssekonda.

**Ivvutaw Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni t'hawn u għaldaqstant għandu jinforma lill-offerenti bid-deċizjoni u tinħareġ l-ittra ta' aċċettazzjoni wara l-perjodu tal-appell.

**31/05/02 ITTRA TA' DIREZZJONI TAL-AWDITUR U R-RISPOSTA TAL-KUNSILL**

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-ittra ta' direzzjoni tal-awditur u abbozz tar-riposta tal-Kunsill ghal din l-istess ittra.

**DOK 'D'**

Il-Kunsill innota l-punti kollha li għamel l-awditur u ħa azzjoni kif imsemmi fir-risposta tal-Kunsill. **DOK 'E'**

Wara mozzjoni mressqa mis-**Sindku Rosianne Cutajar** u sekondata mill-**Kunsillier Sean Meli**, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta tal-Kunsill għall-ittra ta' Direzzjoni, li ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

**31/05/03 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GHALL-EWWEL KWART TAS-SENA**

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena, li jaghlaq fil-31 ta' Marzu 2013.

**DOK 'F'**

Wara li l-Kunsilll iddiskuta dan ir-rapport, is-**Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni issekondata mill-**Kunsillier Ralph Puli**, fejn il-Kunsill approva b'mod unanimu dan ir-rapport finanzjarju.

**31/05/04 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV**

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2013

**DOK 'G'**

Wara li l-Kunsilll iddiskuta dan ir-rapport, is-**Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni ssekondata mill-**Kunsillier Ralph Puli**, fejn il-Kunsill approva b'mod unanimu dan ir-rapport annwali amministrattiv.

**31/05/05 APPROVAZZJONI TAL-ABBOZZ TAD-DOKUMENT TAL-OFFERTA: CONTRACT MANAGEMENT**

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-abbozz tad-dokument tal-offerta tas-servizz tal-contract manager

**DOK 'H'**

Wara li l-Kunsilll iddiskuta dan ir-rapport, is-**Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni ssekondata mill-**Kunsillier Bjorn Azzopardi** fejn il-Kunsill approva unanimament dan l-abbozz.

**31/05/06 Il-Kunsillier Jason Busuttil skuza ruħu mil-laqgha fit-8.00pm.**

**31/06 KORRISPONDENZA**

**31/06/01 Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'I 1-6'**

1. Dwar ittra minn perit f'isem resident fi Triq il-Mitħna sabiex il-Kunsill jagħmel il-bankina u ċint ħalli jkun hemm aċċess liberu għall-pedestrian, il-Kunsill Lokali qabel nem.con li jzied ftit metri il-bankina izda c-cint irid isir minn sid id-dar peress li dan għandu skop privat. Il-Kunsill qabel ukoll li kull applikazzjoni lill-MEPA f'dan ir-rigward trid issir minn sid din id-dar għas-spejjez tiegħu.

2. Disinn tal-monument għall-vittmi tal-logħob tan-nar f'Ħal Qormi, minn Charlo Spiteri Magri, ġie approvat unanimament mill-Kunsill u għaldaqstant għandha ssir l-applikazzjoni lill-MEPA kif ukoll tinħareġ is-sejħa biex jsir dan il-monument.

3. Korrispondenza minn Francis Frendo sabiex il-Kunsill ifakkar personalitajiet Qriema billi jsiru plakek mar-residenzi fejn kienu

joqogħdu dawn il-personalitajiet. Il-Kunsill sostna li ma jsibx oġġezzjoni li jsiru dawn il-plakek sakemm dawn isiru privatament minn sid id-djar u jinkisbu l-permessi neċessarji. Il-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol fuq djar privati u barraminnhekk il-Kunsill diġa qed jirrikonoxxi lil dawn il-personalitajiet permezz ta' tismija ta' toroq u ġonna bl-isem tagħhom. Fil-fatt ġie innutat li għad trid tissemma xi ġnien jew triq għall Monsinjur Annetto Depasquale.

4. Kwotazzjoni Ozone sabiex is-servizz tal-linji tat-telefon tal-Kunsill jibda jiġi mogħti minn din il-kumpanija. Wara li sar paragun mar-rati offruti mill-Go plc u Melita, il-Kunsill sab li jkun qed jiffranka eluf ta' ewro jekk jieħu l-offerta ta' Ozone u għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament biex il-linji tat-telefon jinqalbu ma' din il-kumpanija tat-telekomunikazzjoni.

5. Korrispondenza mis-Socjeta Socjo-Muzikali Anici sabiex attivita' li se ssir fil-ġranet li ġejjin tiġi ffinanzjata minn skema li ħa joħroġ il-Kunsill għall-attivitajiet. Il-Kunsill ikkjarfika li s-sejħa li se toħroġ hija għall-attivitajiet kulturali u taz-zgħazagħ. **Il-Kunsillier Ralph Puli saqsa** meta din is-sejħa se toħroġ sabiex l-għaqdiet ikunu jistgħu japplikaw. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** wieġbet li għad jonqos dettalji zgħar sabiex tiġi ffinalizzata din is-sejħa qabel il-pubblikazzjoni tagħha.

6. Proposta minn Transport Malta dwar *traffic management* ġdid minflok il-pont fi Triq il-Wied. Il-Kunsill ippropona biex kemm jista' jkun id-direzzjonijiet tat-*traffic management* ma jinbidlux filwaqt li jaqbel li ssir *centre strip* biex jizdied il-parkeġġ. Il-Kunsill qabel *nem.con* li jipproponi biex jizdiedu *Pelican Lights* ħalli tizdied is-sigurta' għall-*pedestrian*.

7. Dwar talba biex isiru toqob minħabba li zdied xi armar tal-festa fi Triq il-Vitorja, il-Kunsill qabel li jagħmel dan ix-xogħol fejn izda s-somma ma għandiex teċċedi il-Eur 500.

**31/07 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 1 ta' Lulju 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:25 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2014.